**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 5 – IT-TNEJN, 2 TA' SETTEMBRU 2019 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| | |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 4**

1.1 Is-Sur Trevor Fenech ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur David Dalli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 4**

2.1 Dwar paragrafu 2.1 għandha ssir site visit biex tiġi stabbilita jekk hux possibbli li ssir.

2.2 Dwar paragrafu 6.2 għandu jsir it-tindif neċessarju.

2.3 Dwar paragrafu 4.1 għandha tiġi assigurata minn Structural Engineer li l-pedamenti tal-uffiċini jifilħu li jittella' sular ieħor.

2.4 Dwar paragrafu 6.1 ġiet innutata li hemm parti mix-xogħol għadu pendenti.

6.15pm - Kien hemm qbil li jsir recess ta' 5 minuti.

6.20pm - Il-laqgħa kompliet.

2.5 Dwar il-laqgħa li kien hemm mar-residenti tal-Mensija li tkellmu mal-Kunsill dwar żvilupp li hemm propost fi Triq is-Santwarju, kien hemm qbil li dawn jiġu annessi mal-minuti tal-Kunsill.

## 3 Pagamenti Numru 4

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm qbil unanimu

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm qbil li nappoġġjaw lill-Kunsill Lokali tas-Swieqi dwar applikazzjoni f'Wied Għomor.

4.2 Kien hemm qbil li jinqala' bank li hemm fuq bankina fi Ġnien Ġorġ Zarb.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar proposta minn TM biex Triq Antonio Schembri issir One Way temporanjament sakemm ikun hemm it-tfal deħlin u ħerġin mill-iskola. Il-proposta tinkludi ukoll alighting bay u junction box. Kien hemm qbil li din tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss wara li nitolbu aktar informazzjoni.

## 6 Affarjiet ohra

6.1 Is-Sinjura Joan Farrugia nfurmat lill-Kunsill li hemm żewġ palmiet maqlugħa fi Ġnien Ġorġ Preca. Dawn għandhom jitneħħew. Talbet ukoll biex isir tiswija f'railing li hemm fi Triq Saver Zarb. Hi nfurmat li hemm pot holes fi Triq in-Naxxar u fi Triq il-Qrempuċ. Hi talbet ukoll biex ikun hemm lollipop lady maż-zebra crossing li hemm ftit 'l fuq mill-iskola. Is-Sur Trevor Fenech intervjena u kompla billi ssuġġerixxa biex zebra crossing li hemm fejn Triq Buganvilla tinżel l-isfel u tiġi quddiem l-iskola. Is-Sinjura Farrugia ma qablitx ma' dan is-suġġeriment minħabba li din iż-zebra crossing tintuża minn ħafna nies li joqogħdu fl-inħawi ta Triq Buganvilla u Vjal in-Naspli.

6.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ilmenta li hemm problema bil-WIFI tal-librerija. Hu staqsa wkoll dwar il-progress tar-resurfacing ta' Triq il-Mensija. Is-Sur Trevor Fenech irrisponda li hemm meeting ma' IM u l-GRTU.

Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.20pm.

6.3 Is-Sur David Dalli talab biex issir zebra crossing fi Triq tas-Sliema, issir two way minflok one way, sleeping policeman fi Triq iċ-Ċiklamini u issir sleeping policeman ukoll u mera fi Triq San Pawl kantuniera ma' Triq Birkirkara. Hu nforma wkoll li hemm is-Sur Cordina li offra li jagħmel first aid courses bla ħlas fil-Kunsill.

6.4 Is-Sinjura Violet Bajada tkellmet dwar nintegraw proposti.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 16 ta' Settembru 2019 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**